# Malta Business Registry

## MIN AĦNA

Il-Malta Business Registry, stabbilita taħt il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 595.27, hija responsabbli għar-reġistrazzjoni ta' sħubiji kummerċjali u entitajiet legali ġodda, ir-reġistrazzjoni ta' dokumenti relatati ma' sħubiji kummerċjali, l-ħruġ ta' dokumentazzjoni ċertifikata inklużi ċertifikati ta' good standing fost affarijiet oħra, ir-riżervazzjoni ta' ismijiet ta' kumpaniji, il-ġbir ta' tariffi ta' reġistrazzjoni u tariffi oħra, il-pubblikazzjoni ta' avviżi u l-impożizzjoni u l-ġbir ta' pieni. Ir-Reġistru jwettaq ukoll investigazzjonijiet fuq kumpaniji u jżomm ir-reġistru tal-kumpaniji u partnerships. Huwa wkoll responsabbli għall-Beneficial Owners' Register, ir-Reġistru tal-Insolvenza, kif ukoll ir-reġistrazzjoni ta' Fondazzjonijiet u Assoċjazzjonijiet.

## L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Livell ta' servizz li wieħed jistenna meta jikkuntattja jew iżur l-Uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Aħna niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe skambju ta' informazzjoni.
- L-istandards tas-servizzi tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2 Standard għas-Servizz ta' Eċċellenza offrut mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Impjegati Pubbliċi.

Il-lista tas-servizzi offruti tinsab fil-ħoloq li ġejjin: *https://mbr.mt/* and *https://register.mbr.mt/*

## X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATTJANA

L-informazzjoni kollha tingħata kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Aħna nimpenjaw ruħna li nwieġbu l-mistoqsija tiegħek fi żmien jum 1 tax-xogħol, jew skond il-perjodi ta' żmien stipulat fid-Direttiva 4-2.

### Meta tikkuntattjana bit-telefon

Nimpenjaw ruħna li nwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefon, b'mod ċar u b'għarfien. L-uffiċjali ser jidentifikaw ruħhom u jittrattawk b'kortesija u rispett.

### Meta tikkuntattjana permezz ta' ittra jew email

Se nibagħtu konferma fi żmien jum 1 tax-xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek.

### Meta żżur id-Dipartiment

L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur, u se niżguraw li s-servizzi tagħna jkunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Il-ħin ta' stennija se jkun ta' madwar 15-20 minuta f'ċirkustanzi normali.

### Appuntamenti

Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu provduti fi żmien jum 1 tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun fi żmien 7 t'ijiem tax-xogħol mid-data tat-talba.

## RESPONSABBILTAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: Jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw il-ħaddiema b'kortesija u rispett. Iżommu mal-ħinijiet u l-appuntamenti allokati meta applikabbli.

## AĦNA NIVVALUTAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tissottometti feedback, suġġerimenti, jew ilmenti ġentilment:

- Ikkuntattjana skont id-dettalji murija hawn: *info.mbr@mbr.mt*
- Permezz tas-servizz.gov billi ċċempel fuq 153, jew online fuq Issotometi ilment

Il-kunfidenzjalità tiegħek tkun garantita. Tirċievi il-feedback tagħna fi żmien 3-10 ijiem tax-xogħol.

## KIF TIKKUNTATTJANA

- Malta Business Registry, Triq Labour Zejtun, ZTN 2401, Malta
- Mit-Tnejn sal-Ħamis: 09:00-12:00 u 13:00-14:30; Ġimgħa, Sibtijiet, Ħdud u Festi Pubbliċi : Magħluqa
- *https://mbr.mt/* u *https://register.mbr.mt/*
- Sabiex jiġi ffaċilitat il-kuntatt mas-servizzi u d-dipartment: *info.mbr@mbr.mt* - +356 2258 2300
- Permezz tal-midja soċjali: